

31984L0336

L 177/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

4.7.1984

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Ġunju 1984

li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 72/461/KEE fir-rigward ta' ċerti miżuri li jirrelataw għall-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer u għall-marda vexxikolari tal-majjali

(84/336/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADDOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunita' Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi d-Direttiva 64/432/KEE ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 83/646/KEE ⁽⁴⁾, tistabilixxi l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti, fir-rigward tas-saħħa, minn bhejjem u majjali ħajjin intiżi għall-kummerċ intra-Komunitarju;

Billi d-Direttiva 72/461/KEE ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 83/646/KEE, tistabilixxi l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti, fir-rigward tas-saħħa, minn annimali li l-laħam tagħhom huwa intiż għall-kummerċ intra-Komunitarju;

Billi fl-istennija ta' l-introduzzjoni ta' arranġamenti Komunitarji definittivi għall-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u tad-dwiefer u mingħajr preġudizzju għas-soluzzjoni finali li għandha tiġi adottata, huwa approprijat li l-miżuri Komunitarji previsti fl-Artikoli 4a u 4b tad-Direttiva 64/432/KEE u fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 72/461/KEE jinżammu għal perjodu addizzjonali bħala miżura protettiva *interim* sabiex jiġu mantnuti influssi tradizzjonali ta' kummerċ,

Artikolu 1

Id-Direttiva 64/432/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 4a, "it-30 ta' Ġunju 1984" huwa sostitwit b' "il-31 ta' Diċembru 1984".
2. Fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' l-Artikolu 4b, "30 ta' Ġunju 1984" huwa sostitwit b' "31 ta' Diċembru 1984".

Artikolu 2

Fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 72/461/KEE, "it-30 ta' Ġunju 1984" huwa sostitwit b' "il-31 ta' Diċembru 1984".

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1984.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-19 ta' Ġunju 1984.3

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROCARD

⁽¹⁾ ĠU Nru C 249, 23. 9. 1982, p. 6 u ĠU Nru C 121, 5. 5.1984, p. 7.

⁽²⁾ ĠU Nru C 13, 17. 1. 1983, p. 211 u ĠU Nru C 172, 2. 7. 1984, p. 185.

⁽³⁾ ĠU Nru 121, 29. 7. 1964, p. 1977/64.

⁽⁴⁾ ĠU Nru L 360, 23. 12. 1983, p. 44.

⁽⁵⁾ ĠU Nru L 302, 31. 12. 1972, p. 24.